



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0094(COD)

7799/22
ADD 1

ENT 42
MI 245
CODEC 418
IA 38
COMPET 215

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 144 final
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 144 final.

Mehmuż: COM(2022) 144 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
COM(2022) 144 final

ANNEXES 1 to 7

ANNESI

tal-

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011

{SEC(2022) 167 final} - {SWD(2022) 87 final} - {SWD(2022) 88 final} -
{SWD(2022) 89 final}

ANNESS I

Rekwiżiti

PARTI A: Rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-karatteristiċi essenzjali li għandhom jiġu koperti

1. Rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Il-lista li ġejja ta' rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandha tittieħed bħala l-bażi għall-identifikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti u għat-tħejjija ta' talbiet ta' standardizzazzjoni u speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

Dawn ir-rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ma jikkostitwux obbligi li għandhom l-operaturi ekonomiċi jew l-Istati Membri.

Il-ħajja maħsuba relatata mar-rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandha tqis l-impatti probabbli tal-klima li qiegħda tinbidel.

1.1. L-integrità strutturali tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li t-tagħbijiet rilevanti kollha u kwalunkwe kombinament tagħhom jiġu sostnuti u trażmessi fl-art b'mod sikur u mingħajr ma jikkawżaw deflessjonijiet jew deformazzjonijiet ta' xi parti mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, jew moviment tal-art b'tali mod li titnaqqas id-durabbiltà, ir-reżistenza strutturali, is-servizzjar u r-robustezza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

L-istruttura u l-elementi strutturali tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, mibnija, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikunu durabbli għall-ħajja maħsuba tagħhom (rekwiżit tad-durabbiltà);
- (b) ikunu jistgħu jsostnu l-azzjonijiet u l-influwenzi kollha li x'aktarx iseħħu matul il-kostruzzjoni, l-użu u t-twaqqiġ bi grad xieraq ta' affidabbiltà u b'mod kosteffettiv (rekwiżit ta' reżistenza strutturali). Dawn ma għandhomx:
 - (i) jaqgħu,
 - (ii) jiġu ddeformati sa grad inammissibbli,
 - (iii) jagħmlu ħsara lil partijiet oħrajn tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, lill-fittings jew lil tagħmir installat bħala riżultat ta' deformazzjoni kbira tal-kostruzzjoni li ġgħorr il-piż;
- (c) jibqgħu fi ħdan ir-rekwiżiti tas-servizz speċifikati tagħhom matul il-ħajja maħsuba bi gradi xierqa ta' affidabbiltà u b'mod ekonomiku (rekwiżit ta' servizzjar);
- (d) iżommu b'mod xieraq l-integrità tagħhom f'avvenimenti avversi, inkluż terremot, splużjoni, nirien, impatt jew il-konsegwenzi ta' żbalji umani, sa punt sproporzjonat għall-kawża oriġinali (rekwiżit ta' robustezza).

1.2. Is-sikurezza kontra n-nirien tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li avveniment ta' nirien jiġi evitat b'mod xieraq. F'każ ta' nirien, in-nirien għandhom jiġu identifikati u għandu jiġi attivat allarm jew għandha tiġi attivata twissija mingħajr dewmien. In-nirien u d-duħħan għandhom jitrażżnu u jiġu kkontrollati, u l-okkupanti tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandhom jiġu protetti kontra n-nirien u d-duħħan. Għandu jkun hemm arranġamenti xierqa sabiex jiġu żgurati l-ħrib u l-evakwazzjoni b'mod sikur mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-okkupanti kollha tagħhom.

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati u miżmuma b'tali mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin fil-każ ta' nirien:

- (a) il-kapaċità ta' kemm jistgħu jgħorru piż ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal perjodu ta' żmien speċifiku;
- (b) l-aċċess għas-servizzi ta' salvataġġ u ta' emerġenza huwa żgurat u hemm mezzi xierqa sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tagħhom;
- (c) il-ġenerazzjoni u t-tixrid tan-nirien u tad-duħħan huma kkontrollati u limitati;
- (d) it-tixrid tan-nirien u tad-duħħan għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kontigwi jiġi limitat;
- (e) titqies is-sikurezza tas-servizzi ta' salvataġġ u ta' emerġenza.

1.3. Il-ħaddiema, il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-okkupanti kontra l-impatti avversi tal-iġjene u tas-saħħa relatati max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ma jippreżentawx theddida akuta jew kronika għas-saħħa u għas-sikurezza tal-ħaddiema, okkupanti jew ġirien b'riżultat ta' xi punt minn dawn li ġejjin:

- (a) l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi, ta' komposti organiċi volatili jew ta' partikoli perikolużi fl-arja ta' ġewwa;
- (b) l-emissjoni ta' radjazzjoni perikoluża fl-ambjent ta' ġewwa;
- (c) ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fl-ilma tajjeb għax-xorb jew sustanzi li għandhom impatt negattiv fuq l-ilma tajjeb għax-xorb;
- (d) il-mogħdija tal-umdità lejn il-parti ta' ġewwa tal-bini;
- (e) in-nixxija ta' ilma mormi minħabba fi ħsara, l-emissjoni ta' gassijiet mit-tromba ta' ċumnija jew ir-rimi ħażin ta' skart solidu jew likwidu fl-ambjent ta' ġewwa.

1.4. Il-protezzjoni tal-ħaddiema, tal-konsumaturi u tal-okkupanti kontra korrimenti fiżiċi tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ma jippreżentawx riskji inaċċettabbli ta' aċċidenti jew ħsara fis-servizz jew waqt it-tħaddim, inkluż żliq, twaqqiġ, kolliżjoni, ħruq, xokk elettriku u korriment minn partijiet li jaqgħu jew

li jibbrejkjaw ikkawżat minn fatturi esterni bħal kundizzjonijiet estremi tat-temp jew splużjoni.

1.5. Ir-reżistenza għall-mogħdija tal-ħoss u l-proprjetajiet akustiċi tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li jipprovdu, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, protezzjoni raġonevoli kontra t-tagħbija tal-ħoss negattiva mill-arja jew minn materjali minn partijiet oħrajn tal-istess xogħol ta' kostruzzjoni jew minn sorsi barra mill-istruttura tiegħu. Dik il-protezzjoni għandha tiżgura li:

- (a) ma toħloqx riskji immedjati jew kroniċi għas-saħħa tal-bniedem;
- (b) tippermetti lill-okkupanti u lill-persuni fil-qrib jorqdu, jistrieħu u jinvolvu ruħhom fl-attivitàjiet normali tagħhom f'kundizzjonijiet sodisfaċenti.

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati u miżmuma b'tali mod li jipprovdu assorbiment u riflessjoni suffiċjenti tal-ħoss fejn dawn il-proprjetajiet akustiċi jkunu meħtieġa.

1.6. L-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni termali tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-installazzjonijiet tat-tisħin, tat-tkessiħ, tad-dawl u tal-ventilazzjoni tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, l-ammont ta' enerġija li jeħtieġu fl-użu għandu jkun baxx, meta wieħed iqis:

- (a) il-mira għal bini b'użu ta' kważi żero enerġija u għal bini b'enerġija żero fl-Unjoni;
- (b) il-kundizzjonijiet klimatiċi ta' barra;
- (c) il-kundizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa.

1.7. L-emissjonijiet perikolużi fl-ambjent ta' barra tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ma jkunux ta' theddida għall-ambjent ta' barra, bħala riżultat ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi jew radjazzjoni fl-ilma ta' taħt l-art, fl-ilma baħar jew tal-wiċċ jew fil-ħamrija;
- (b) in-nixxija ta' ilma mormi minħabba fi ħsara, l-emissjoni ta' gassijiet mit-tromba ta' ċumnija jew ir-rimi ħażin ta' skart solidu jew likwidu fl-ambjent ta' barra;
- (c) ħsara lill-bini, inkluża ħsara permezz tat-trasport ta' kontaminanti li jinġarru mill-ilma lejn il-pedamenti tal-bini;
- (d) ir-rilaxx ta' emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-atmosfera.

1.8. L-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-partijiet kollha tagħhom għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, użati, miżmuma u mwaqqgħin b'tali mod li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, l-użu tar-riżorsi naturali jkun sostenibbli u jiżgura dan li ġej:

- (a) l-użu ta' materja prima u ta' materja sekondarja ta' sostenibbiltà ambjentali għolja u b'hekk b'impronta ambjentali baxxa;
- (b) il-minimizzar tal-ammont globali ta' materja prima użata;
- (c) il-minimizzar tal-ammont globali ta' enerġija inkorporata;
- (d) il-minimizzar tal-użu ġenerali tal-ilma tajjeb għax-xorb u tal-ilma kannella;
- (e) l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklabbiltà tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ta' partijiet minnhom u tal-materjali tagħhom wara t-twaqqiġ.

2. Il-karatteristiċi essenzjali li għandhom jiġu koperti

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom, sa fejn ikun possibbli, ikopru l-karatteristiċi essenzjali li ġejjin relatati mal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja:

- (a) l-effetti tat-tibdil fil-klima (obbligatorji);
- (b) it-tnaqqis tal-ożonu;
- (c) il-potenzjal għall-aċidifikazzjoni;
- (d) l-ewtrofikazzjoni tal-ilma ħelu;
- (e) l-ewtrofikazzjoni tal-ilma baħar;
- (f) l-ewtrofikazzjoni terrestri;
- (g) l-ożonu fotokimiku;
- (h) it-tnaqqis abijotiku – minerali, metalli;
- (i) it-tnaqqis abijotiku – fjuwils fossili;
- (j) l-użu tal-ilma;
- (k) il-materja partikolata;
- (l) ir-radjazzjoni jonizzanti, is-saħħa tal-bniedem;
- (m) l-ekotossiċità, l-ilma ħelu;
- (n) it-tossicità umana, il-kanċer;
- (o) it-tossiċità umana, mhux tal-kanċer;
- (p) l-impatti relatati mal-użu tal-art.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jindikaw li għall-karatteristika essenzjali tal-effetti tat-tibdil fil-klima skont il-punt (a), huwa obbligatorju għall-manifattur li jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott kif stabbilit fl-Artikoli 11(2) u 22(1).

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom ikopru wkoll, sa fejn ikun possibbli, il-karatteristika essenzjali tal-kapaċità li l-karbonju jintrabat temporanjament ma' assorbimenti oħrajn tal-karbonju.

PARTI B: Rekwiżiti li jiżguraw il-funzjonament u l-prestazzjoni xierqa tal-prodotti

1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu mmanifatturati b'tali mod li:
 - (a) jissodisfaw sew l-iskop maħsub tagħhom;
 - (b) l-issodisfar tal-prestazzjoni ddikjarata ma jiġix imfixxkel;
 - (c) l-issodisfar tar-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza stabbiliti fil-Parti C ma jiġix imfixxkel;
 - (d) jaħdmu tajjeb meta jintużaw.
2. Ir-rekwiżiti tal-prodott imsemmija fil-punt 1 għandhom jiġu speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, inkluż billi fejn meħtieġ jiġi speċifikat:
 - (a) l-użu ta' materjali speċifiċi li jistgħu jiġu speċifikati wkoll f'termini tal-kompożizzjoni kimika tagħhom;
 - (b) id-dimensjonijiet u l-forom speċifiċi tal-prodotti jew il-komponenti tagħhom;
 - (c) l-użu ta' ċerti komponenti li jistgħu jiġu speċifikati wkoll f'termini ta' materjali, dimensjonijiet u forom;
 - (d) l-użu ta' ċerti aċċessorji u rekwiżiti għalihom;
 - (e) mod ta' installazzjoni speċifiku;
 - (f) mod ta' manutenzjoni speċifiku;
 - (g) spezzjonijiet perjodiċi.
3. Fejn dawn ir-rekwiżiti tal-prodott ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni fir-rigward ta' ċerta karatteristika essenzjali jew il-konformità fir-rigward ta' ċertu rekwiżit ta' sikurezza jew ambjentali tal-prodott, dan għandu jiġi speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

Parti C: Rekwiżiti inerenti tal-prodotti

1. Rekwiżiti inerenti għas-sikurezza tal-prodotti

Is-sikurezza hija relatata mal-professjonisti (il-ħaddiema) u mal-persuni mhux esperti (il-konsumaturi, l-okkupanti), waqt li dawn ikunu qed jittrasportaw, jinstallaw, imantnu, jużaw jew iżarmaw il-prodott, kif ukoll waqt li jkun qegħdit il-prodott għall-fażi ta' tmiem il-ħajja tiegħu jew l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ tiegħu.

- 1.1. Il-prodotti għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, u ppakkjati b'tali mod li r-riskji inerenti għas-sikurezza tal-prodotti li għejjin jiġu indirizzati f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku:
- (a) riskji kimiċi minħabba nixxija jew lissija;
 - (b) riskju ta' kompożizzjoni żbilanċjata f'termini ta' sustanzi li jirriżultaw f'funzjonament difettuż u rilevanti għas-sikurezza tal-prodotti;
 - (c) riskji mekkaniċi;
 - (d) ħsara mekkanika;
 - (e) ħsara fiżika;
 - (f) riskji ta' ħsara elettrika;
 - (g) riskji marbuta mat-tqassim tal-provvista tal-elettriku;
 - (h) riskji marbuta ma' ċċarġjar mhux intenzjonat jew mar-rilaxx tal-elettriku;
 - (i) riskji marbuta ma' ħsara fis-software;
 - (j) riskji ta' manipulazzjoni tas-software;
 - (k) riskji ta' inkompatibbiltà ta' sustanzi jew materjali;
 - (l) riskji marbuta mal-inkompatibbiltà ta' entrati differenti, b'tal-anqas waħda minnhom tkun prodott;
 - (m) riskju ta' nuqqas ta' prestazzjoni kif maħsub, filwaqt li l-prestazzjoni tkun rilevanti għas-sikurezza;
 - (n) riskju ta' struzzjonijiet ta' nuqqas ta' fehim għall-użu f'qasam li jaffettwa s-saħħa u s-sikurezza;
 - (o) riskju ta' installazzjoni jew użu mhux xieraq mhux intenzjonat;
 - (p) riskju ta' użu mhux xieraq maħsub.
- 1.2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom, kif xieraq, jispeċifikaw dawn ir-rekwiżiti inerenti għas-sikurezza tal-prodott, li jistgħu jkunu relatati ma', iżda essenzjalment ikunu indipendenti mill-fażi tal-installazzjoni tal-prodotti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti għas-sikurezza tal-prodotti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom tal-anqas ikopru l-elementi li għejjin:

- (a) jiddefinixxu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tat-tnaqqis possibbli tar-riskju fir-rigward tal-kategorija tal-prodotti rispettiva, inkluż ir-riskju ta' inkompatibbiltà ta' entrati differenti, b'tal-anqas wieħed minnhom ikun prodott;
- (b) jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi li jevitaw riskji relatati mas-sikurezza;

- (c) fejn l-evitar tar-riskju ma jkunx possibbli, ir-riskji għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu;

Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti għas-sikurezza tal-prodotti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jagħmlu distinzjoni bejniethom f'konformità mal-klassijiet tal-prestazzjoni.

2. Rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodotti

L-ambjent huwa relatat mal-estrazzjoni u mal-manifattura tal-materjali, mal-manifattura tal-prodott, mal-manutenzjoni tiegħu, mal-potenzjal tiegħu li jibqa' kemm jista' jkun fit-tul f'ekonomija ċirkolari u l-fażi ta' tmiem il-ħajja tiegħu.

2.1. Il-prodotti għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, u ppakkjati b'tali mod li l-aspetti inerenti ambjentali tal-prodott li ġejjin jiġu indirizzati f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku:

- (a) il-massimizzazzjoni tad-durabbiltà f'termini tal-ħajja medja mistennija, il-ħajja minima mistennija fl-aġar kundizzjonijiet iżda xorta waħda realistiki, u f'termini tar-rekwiżiti minimi tal-ħajja;
- (b) il-minimizzazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu;
- (c) il-massimizzazzjoni tal-kontenut riċiklat kull fejn possibbli mingħajr telf ta' sikurezza jew l-iskorrimient tal-impatt ambjentali negattiv;
- (d) l-għażla ta' sustanzi sikuri u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;
- (e) l-użu tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika;
- (f) l-effiċjenza fir-riżorsi;
- (g) l-identifikazzjoni ta' liema prodott jew partijiet minnu u f'liema kwantità jista' jerġa' jintuża/jistgħu jerġgħu jintużaw wara d-deinstallazzjoni (l-użu mill-ġdid);
- (h) l-aġġornament;
- (i) it-tiswija matul il-ħajja mistennija;
- (j) il-possibbiltà ta' manutenzjoni u ta' rinnovazzjoni matul il-ħajja mistennija;
- (k) ir-riċiklabbiltà u l-kapaċità ta' manifattura mill-ġdid;
- (l) il-kapaċità ta' materjali jew ta' sustanzi differenti li jiġu sseparati u rkuprati matul il-proċeduri ta' żarmar jew riċiklaġġ.

2.2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jispeċifikaw kif xieraq dawn ir-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, li jistgħu jkunu relatati ma', iżda essenzjalment ikunu indipendenti mill-fażi tal-installazzjoni tal-prodott f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom tal-anqas ikopru l-elementi li ġejjin:

- (a) jekk ikun possibbli, jiddefinixxu l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fl-indirizzar tal-aspetti ambjentali fir-rigward tal-kategorija rispettiva tal-prodott, inkluż il-kontenut minimu riċiklat;
- (b) jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi li jevitaw effetti u riskji ambjentali negattivi, inkluż il-ġenerazzjoni ta' materjali ta' skart;
- (c) meta dan ma jkunx jista' jiġi evitat, l-effetti u r-riskji negattivi għandhom jitnaqqsu, jittaffew u jiġu indirizzati permezz ta' twissijiet dwar il-prodott, l-imballaġġ tiegħu u fl-istruzzjonijiet għall-użu.

Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti inerenti ambjentali tal-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn dawn f'konformità mal-klassijiet ta' prestazzjoni.

PARTI D: Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott

- 1. Il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati mill-informazzjoni li ġejja:
 - 1.1. L-identifikazzjoni tal-prodott: in-numru tat-tip inekwivoku abbażi tad-determinazzjoni tat-tip ta' prodott skont l-Artikolu 3(31).
 - 1.2. Id-deskrizzjoni tal-prodott:
 - (a) l-użi maħsuba;
 - (b) l-utenti maħsuba;
 - (c) il-kundizzjonijiet tal-użu;
 - (d) it-tul medju u minimu stmat tal-ħajja tas-servizz għall-użu maħsub (id-durabbiltà);
 - (e) id-dimensjonijiet nominali (illustrazzjonijiet);
 - (f) il-materjali ewlenin użati;
 - (g) il-partijiet ewlenin.
 - 1.3. Regoli dwar it-trasport, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ:
 - (a) Is-sikurezza matul it-trasport, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigh:
 - (i) ir-riskji potenzjali tal-prodott u kwalunkwe użu ħażin tiegħu raġonevolment prevedibbli;
 - (ii) struzzjonijiet għall-assemblaġġ, għall-installazzjoni u għall-konnessjoni, inklużi illustrazzjonijiet, dijagrammi u, fejn rilevanti, il-mezzi ta' twaħħil ma' prodotti u partijiet ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni oħrajn;

- (iii) struzzjonijiet maħsuba sabiex it-tħaddim u l-manutenzjoni jkunu jistgħu jsiru b'mod sikur, inklużi l-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu matul dawn l-operazzjonijiet;
 - (iv) jekk ikun meħtieġ, struzzjonijiet għat-taħriġ tal-installaturi jew tal-operaturi;
 - (v) informazzjoni dwar x'għandu jsir f'każ ta' ħsara jew aċċidenti;
- (b) Kompatibbiltà u integrazzjoni f'sistemi jew f'kits:
- (i) il-kompatibbiltà ma' materjali jew ma' prodotti oħrajn, irrispettivament minn jekk humiex koperti minn dan ir-Regolament jew le;
 - (ii) il-kompatibbiltà elettrika u elettromanjetika;
 - (iii) il-kompatibbiltà tas-software;
 - (iv) l-integrazzjoni f'sistemi jew f'kits;
- (c) Il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni bil-għan li tinżamm il-prestazzjoni tal-prodott matul il-ħajja operattiva tiegħu:
- (i) id-deskrizzjoni tal-operazzjonijiet ta' aġġustament u manutenzjoni li għandhom isiru mill-utenti u l-miżuri ta' manutenzjoni preventivi li għandhom jiġu osservati;
 - (ii) it-tip u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet u tal-manutenzjoni meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza u, fejn xieraq, il-partijiet soġġetti għall-użu u l-kriterji għas-sostituzzjoni;
 - (iii) informazzjoni dwar x'għandu jsir f'każ ta' ħsara jew aċċident;
- (d) Sikurezza waqt l-użu:
- (i) struzzjonijiet dwar il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu mill-utent, inkluż fejn xieraq, it-tagħmir protettiv personali li għandu jiġi pprovdut;
 - (ii) struzzjonijiet maħsuba għall-użu sikur tal-prodott, inkluż il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu matul l-użu tiegħu;
 - (iii) informazzjoni dwar x'għandu jsir f'każ ta' ħsara jew ta' aċċident waqt l-użu;
- (e) Taħriġ u rekwiżiti oħrajn li neċessarjament iridu jiġu ssodisfati għal użu sikur;
- (f) Il-possibbiltajiet ta' mitigazzjoni tar-riskju li jmorru lil hinn mill-punti 1.2 sa 1.3.
- 1.4. Dettalji ta' kuntatt tal-manifattur jew tar-rappreżentant tiegħu:
- (a) l-indirizz/is-sit web/in-numru tat-telefon/l-indirizz tal-posta elettronika;
 - (b) jekk ikun possibbli, għandhom jingħataw dettalji ta' kuntatt speċifiċi għal:

- (i) informazzjoni dwar l-installazzjoni, il-manutenzjoni, l-użu, id-dekostruzzjoni u t-twaqqigħ,
- (ii) informazzjoni dwar ir-riskji,
- (iii) informazzjoni f'każ ta' ħsara;

1.5. Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet rilevanti f'każ ta' prodotti riskjużi jew difettużi.

1.6. Regoli jew rakkomandazzjonijiet għat-tiswija, id-dekostruzzjoni, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew id-depożitu sikur.

L-informazzjoni dwar il-prodott fuq dawn l-oġġetti għandha, kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità, tkun biżżejjed sabiex jittieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri, inkluż il-kwantità, l-installazzjoni, l-użu, il-manutenzjoni, iż-żarmar, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ rispettivi meħtieġa tal-prodott. Hija għandha tinkludi l-illustrazzjonijiet, id-dijagrammi, id-deskrizzjonijiet u l-ispeġġazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tinftiehem.

- 2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jispeċifikaw li ċertu rekwiżit ta' informazzjoni dwar il-prodott ma huwiex rilevanti għal kategorija ta' prodotti partikolari.
- 3. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jispeċifikaw kif xieraq ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott stabbiliti fil-punt 1 li jistgħu jkunu relatati kemm mal-prodott innifsu kif ukoll mal-installazzjoni tiegħu f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni. B'hekk, huma għandhom iqisu l-ħtiġijiet tad-disinjaturi, tal-awtoritajiet tal-bini, tal-professjonisti tal-kostruzzjoni, tal-awtoritajiet tal-kontroll tal-bini, tal-konsumaturi u ta' utenti oħrajn, tal-okkupanti, tal-manigiers tal-użu, u tal-professjonisti tal-manutenzjoni.

Meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom tal-anqas ikopru l-elementi li ġejjin:

- (a) jindirizzaw l-aspetti ambjentali u tas-sikurezza rilevanti għall-kategorija tal-prodott rispettiva;
- (b) jispeċifikaw fejn għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni rispettiva, bil-għan, u skont l-għażla tal-post, li l-informazzjoni tal-anqas ma tiġix injorata. Jekk ikun possibbli, għandhom jintgħażlu diversi mill-postijiet li ġejjin: fuq il-prodott, fuq it-tikketta tiegħu, fuq l-imballaġġ tiegħu, fuq l-imballaġġ (tal-bejgħ) estern tiegħu, fi struzzjonijiet stampati għall-użu, fi struzzjonijiet elettroniċi għall-użu, fuq is-sit web tal-manifattur jew fil-bażi ta' *data* dwar il-prodotti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 78;
- (c) f'każijiet fejn l-informazzjoni tista' jew għandha tiġi pprovduta fuq is-sit web tal-manifattur jew fil-bażi ta' *data* tal-prodotti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għandhom jirrikjedu li titqiegħed link fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu, u fuq l-imballaġġ (tal-bejgħ) estern tiegħu;
- 4. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jistgħu jippermettu lill-manifatturi jipprovdu ċerti oġġetti ta' informazzjoni rilevanti għall-Istati Membri, għall-utenti jew għall-okkupanti, bil-kundizzjoni li:

- (a) ir-regolament rispettiv tal-Istati Membri ikun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni,
- (b) huwa ċar li l-entrati ta' informazzjoni rispettivi permessi mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati ma jirrigwardjawx id-dritt tal-Unjoni u ma humiex obbligatorji.

ANNEX II

Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni u ta' Konformità¹

L-Isem tal-Manifattur

Dikjarazzjoni Nru ...².

Verżjoni Nru ...³

Id-data ta' dik il-verżjoni ...

1. Id-deskrizzjoni tal-prodott
 - (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tat-tip ta' prodott, u l-firxiet tan-numri tal-lottijiet u tan-numri tas-serje koperti jekk ikunu diġà ġew iddeterminati għat-tip ta' prodott rispettiv;
 - (b) il-kategorija tal-prodott kif definita mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew mid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni;
 - (c) l-użi maħsuba tal-prodott, li neċessarjament jaqgħu taħt dawk l-użi maħsuba li għalihom tkun ġiet żviluppata l-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata applikabbli jew id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, b'informazzjoni addizzjonali fakultattiva dwar l-utenti maħsuba, jew il-kundizzjonijiet għal użu sikur u tajjeb;
 - (d) id-dimensjonijiet tal-prodott;
 - (e) il-materjali jew is-sustanzi ewlenin użati;
 - (f) informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
 - (g) il-partijiet ewlenin tal-prodott;
 - (h) it-tul medju u minimu stmat tal-ħajja tas-servizz għall-użu maħsub previst għall-prodott (id-durabbiltà);
 - (i) varjanti, jekk ikun hemm, u d-deskrizzjonijiet tagħhom;
 - (j) informazzjoni li taqa' taħt il-Parti D tal-Anness I.
2. Permalinks fir-rigward ta' dan li ġej:

¹ Meta tinħareġ Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni mingħajr il-ħruġ parallel ta' Dikjarazzjoni ta' Konformità, il-punti 12. u 13c. għandhom jitħallew barra.

² Għandu jintuża numru tad-dikjarazzjoni uniku u inekwivoku wieħed biss għal kull tip ta' prodott, anke meta jkun hemm varjanti, li jkunu varjazzjonijiet tat-tip ta' prodott li ma jaffettwawx il-prestazzjoni jew il-konformità tal-prodott.

³ Jistgħu jinħarġu verżjonijiet differenti, eż. sabiex jiġu kkoreġuti l-iżbalji jew tiżdzied informazzjoni komplementari.

- (a) ir-reġistrazzjoni(jiet) tal-prodotti tal-manifattur fil-bażijiet ta' *data* tal-UE, u l-post preċiż fihom fejn jista' jinstab il-prodott, u s-sit web tal-preżentazzjoni tal-prodott tiegħu stess;
- (b) kwalunkwe bażi ta' *data* jew sit web tar-reġistrazzjoni tal-prodotti użat b'mod volontarju jew obbligatorju, u l-post preċiż fejn jista' jinstab il-prodott;
- (c) struzzjonijiet għall-użu f'konformità mal-Parti D(1.3) tal-Anness I.

3. Il-manifattur:

- (a) l-isem;
- (b) l-isem kummerċjali;
- (c) il-post tan-negozju;
- (d) l-indirizz postali;
- (e) it-telefon;
- (f) l-indirizz tal-posta elettronika;
- (g) is-sit web;
- (h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali;
- (i) fejn disponibbli, dettalji ta' kuntatt speċifiċi għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-installazzjoni, il-manutenzjoni, l-użu, iż-żarmar, u dwar l-immaniġġar tar-riskji jew il-ħsara fi prodott.

4. Ir-rappreżentant awtorizzat:

- (a) l-isem;
- (b) l-isem kummerċjali;
- (c) il-post tan-negozju;
- (d) l-indirizz postali;
- (e) it-telefon;
- (f) l-indirizz tal-posta elettronika;
- (g) is-sit web;
- (h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali;
- (i) fejn disponibbli, dettalji speċifiċi ta' kuntatt għal informazzjoni dwar l-installazzjoni, il-manutenzjoni, l-użu, iż-żarmar, dwar l-immaniġġar tar-riskji u dwar azzjonijiet f'każ ta' ħsara fi prodott.

5. Il-korpi notifikati:

- (a) l-isem;
 - (b) l-isem kummerċjali;
 - (c) il-post tan-negozju;
 - (d) l-indirizz postali;
 - (e) it-telefon;
 - (f) l-indirizz tal-posta elettronika;
 - (g) is-sit web;
 - (h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali.
6. Il-Korp tal-Valutazzjoni Teknika:
- (a) l-isem;
 - (b) l-isem kummerċjali;
 - (c) il-post tan-negozju;
 - (d) l-indirizz postali;
 - (e) it-telefon;
 - (f) l-indirizz tal-posta elettronika;
 - (g) is-sit web;
 - (h) id-dettalji ta' kuntatt tal-media soċjali.
7. Sistema/i ta' valutazzjoni u verifika applikata/i
8. Speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati applikati:
(in-numru ta' referenza u d-data tal-ħruġ)
9. Id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni applikat:
(in-numru ta' referenza u d-data tal-ħruġ)
10. Il-Valutazzjoni Teknika Ewropea applikata:
(il-korp ta' valutazzjoni teknika, in-numru ta' referenza u d-data tal-ħruġ)
11. Prestazzjonijiet iddikjarati u karatteristiċi ta' sostenibbiltà:
- (a) il-lista ta' karatteristiċi essenzjali, kif determinata fl-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata jew fid-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għall-kategorija ta' prodotti rispettiva li għaliha tiġi ddikjarata prestazzjoni.

- (b) il-prestazzjoni tal-prodott, permezz ta' valuri, livelli jew klassijiet ikkalkolati, jew f'deskrizzjoni. Il-valuri, il-livelli jew il-klassijiet rispettivi għandhom jiġu riprodotti fid-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni nnifisha u għalhekk ma jistgħux jiġu espressi biss billi jiddaħħlu referenzi għal dokumenti oħrajn. Madankollu, il-prestazzjoni tal-imġiba strutturali ta' prodott tista' tiġi espressa permezz ta' referenza għad-dokumentazzjoni rispettiva tal-produzzjoni jew il-kalkoli tad-disinn strutturali.
 - (c) id-*data* dwar is-sostenibbiltà ambjentali kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 22(1), b'mod partikolari meta tkun adattata skont il-karatteristiċi essenzjali elenkati fil-Parti A(2) tal-Anness I, f'każ li r-regoli rispettivi li jkopru l-kategorija ta' prodotti jkunu saru applikabbli fil-ħin tat-tqegħid fis-suq jew tal-installazzjoni diretta.
12. Il-prodott identifikat hawn fuq huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin tal-Partijiet B u C tal-Anness I kif speċifikat minn⁴:
13. Dikjarazzjonijiet:
- (a) il-prestazzjoni tal-prodott identifikat hawn fuq hija konformi mas-sett ta' prestazzjonijiet iddikjarati taħt il-punt 11;
 - (b) id-*data* dwar is-sostenibbiltà tal-prodott identifikat hawn fuq ġiet ikkalkolata b'mod korrett abbażi tar-regoli tal-kategorija tal-prodott applikabbli għalih;
 - (c) il-prodott identifikat hawn fuq huwa konformi mar-rekwiżiti elenkati taħt il-punt 12.

Iffirmat għal u f'isem il-manifattur minn:

[l-isem, il-funzjoni⁵]

Fi [il-post]

nhar [id-data tal-ħruġ]

[il-firma]

⁴ Ikkwota l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati rispettivi.

⁵ Il-persuna li tiffirma għandha tingħata s-setgħa skont il-liġi nazzjonali li tirrappreżenta lill-manifattur, kemm jekk abbażi ta' mandat u kemm jekk minħabba r-rwol tagħha bħala rappreżentant legali.

ANNEX III

Proċedura għall-adozzjoni ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni

1. Talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea
 - (a) Meta manifattur jagħmel talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea lil kwalunkwe TAB għal prodott għall-bini, u wara li l-manifattur u t-TAB (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-TAB responsabbli") ikunu ffirmaw ftehim ta' segretezza u kunfidenzjalità kummerċjali, sakemm il-manifattur ma jiddeċidix mod ieħor, il-manifattur għandu jippreżenta lit-TAB responsabbli fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li l-manifattur ikun beħsiebu japplika.
 - (b) Meta grupp ta' manifatturi jew assoċjazzjoni ta' manifatturi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp") jagħmel talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea, huwa għandu jindirizza t-talba lill-organizzazzjoni tat-TAB li tipproponi lill-Grupp TAB sabiex jaġixxi bħala t-TAB responsabbli. Il-Grupp jista' jaċċetta t-TAB propost jew jitlob lill-organizzazzjoni tat-TAB sabiex tipproponi TAB alternattiv. Ladarba l-Grupp ikun aċċetta t-TAB responsabbli propost mill-organizzazzjoni tat-TAB, il-membri tal-Grupp għandhom jiffirmaw ftehim ta' segretezza kummerċjali u kunfidenzjalità ma' dan it-TAB, sakemm il-Grupp ma jiddeċidix mod ieħor, u l-Grupp għandu jissottometti lit-TAB responsabbli fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu kif previst mill-Grupp u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li l-membri tal-Grupp għandhom l-intenzjoni li japplikaw.
 - (c) Fin-nuqqas ta' talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea, meta l-Kummissjoni tibda l-iżvilupp ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, hija għandha twassal lill-organizzazzjoni tat-TAB fajl tekniku li jiddeskrivi l-prodott, l-użu tiegħu u d-dettalji tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika sabiex isir applikabbli. Il-Kummissjoni tagħżel it-TAB sabiex jaġixxi bħala t-TAB responsabbli, wara li tikkonsulta l-organizzazzjoni tat-TAB.

2. Kuntratt

Għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 37(1)(c), fi żmien xahar wieħed (1) mill-wasla tal-fajl tekniku, f'każijiet previsti fil-punti 1(a) u 1(b), għandu jiġi konkluż kuntratt bejn il-manifattur jew il-Grupp u t-TAB responsabbli għall-produzzjoni tal-Valutazzjoni Teknika Ewropea, li jispeċifika l-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, inkluż:

- (a) l-organizzazzjoni tal-ħidma fl-organizzazzjoni tat-TAB,
- (b) il-kompożizzjoni tal-grupp ta' ħidma li għandu jiġi stabbilit fl-organizzazzjoni tat-TAB, maħtur għall-qasam tal-prodott inkwistjoni, u
- (c) il-koordinazzjoni tat-TAB.

Fil-każ previst fil-punt 1(c), it-TAB responsabbli għandu jissottometti lill-Kummissjoni l-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni bl-istess kontenut u fl-istess skadenza. Wara dan, il-Kummissjoni għandu jkollha 30 jum ta' xogħol sabiex

tikkomunika lit-TAB responsabbli l-osservazzjonijiet tagħha dwaru, u t-TAB responsabbli għandu jemenda l-programm ta' ħidma kif xieraq.

3. Programm ta' ħidma

Wara l-konklużjoni tal-kuntratt mal-manifattur jew mal-Grupp, l-organizzazzjoni tat-TAB għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-programm ta' ħidma għat-tfassil tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-iskeda għall-eżekuzzjoni tiegħu u tindika l-programm ta' valutazzjoni. Din il-komunikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur mill-wasla tat-talba għall-Valutazzjoni Teknika Ewropea.

4. L-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni

L-organizzazzjoni tat-TAB għandha tiffinalizza abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni permezz tal-grupp ta' ħidma kkoordinat mit-TAB responsabbli u għandha tikkomunika dan l-abbozz lill-partijiet ikkonċernati fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ġiet informata bil-programm ta' ħidma f'każijiet previsti fil-punti 1(a) u 1(b) jew mid-data li fiha l-Kummissjoni kkomunikat lit-TAB responsabbli l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-programm ta' ħidma fil-każ previst fil-punt 1(c).

5. Parteċipazzjoni tal-Kummissjoni

Rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jipparteċipa, bħala osservatur, fil-partijiet kollha tal-eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzazzjoni tat-TAB sabiex fi kwalunkwe stadju tabbanduna jew timmodifika l-iżvilupp ta' ċertu Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, inkluż l-amalgamazzjoni jew il-qsim tiegħu.

6. Konsultazzjonijiet mal-Istati Membri

Fil-każ previst fil-punt 1(c), il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni wara l-finalizzazzjoni tal-programm ta' ħidma għalih. Meta jintalbu, l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fejn xieraq fl-eżekuzzjoni tiegħu.

7. Estensjoni u dewmien

Kwalunkwe dewmien fir-rigward tat-termini stabbiliti fil-punti 1 sa 4 f'dan l-Anness għandu jiġi rrapportat mill-grupp ta' ħidma lill-organizzazzjoni tat-TAB u lill-Kummissjoni.

Jekk estensjoni tat-termini għall-iżvilupp tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni tista' tkun iġġustifikata, speċjalment min-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sistema applikabbli ta' valutazzjoni u verifika għall-prodott jew mill-ħtieġa li jiġi żviluppat metodu ġdid ta' ttestjar, għandu jiġi stabbilit terminu estiż mill-Kummissjoni.

8. Emendi u adozzjoni tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni

8.1. Fil-każijiet previsti fil-punti 1.(a) u 1.(b), it-TAB responsabbli għandu jikkomunika l-abbozz tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, li għandu jkollu 15-il jum tax-xogħol sabiex jirreaġixxi għalih. Wara dan, l-organizzazzjoni tat-TAB għandha:

- (a) jekk applikabbli, tinforma lill-manifattur jew lill-Grupp, dwar kif ir-reazzjonijiet tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati;
- (b) tadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni;
- (c) tibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.

8.2. Fil-każ previst fil-punt 1.(c), it-TAB responsabbli għandu:

- (a) jadotta l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni;
- (b) jibgħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni.

Jekk fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla, il-Kummissjoni tikkomunika lill-organizzazzjoni tat-TAB l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz ta' Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, l-organizzazzjoni tat-TAB, wara li tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta, għandha temenda l-abbozz bix-xieraq u għandha tibgħat kopja tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni adottat fil-każijiet previsti fil-punti 1.(a) u 1.(b) lill-manifattur jew lill-Grupp, rispettivament, u fil-każijiet kollha lill-Kummissjoni.

9. Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni Finali li għandu jiġi ppubblikat

L-organizzazzjoni tat-TAB għandha tadotta d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni finali u għandha tintbagħat kopja tiegħu lill-Kummissjoni, flimkien ma' traduzzjoni tat-titolu tiegħu bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-organizzazzjoni tat-TAB għandha tippubblika d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

ANNEX IV

Oqsma u rekwiżiti tal-prodott għat-TAB

Tabella 1 – Oqsma tal-prodott

KODIĊI TAL-QASAM	QASAM TAL-PRODOTT
1	PRODOTTI TAL-KONKRIT MOGĦTIJA L-FORMA MINN QABEL NORMALI/ĦFIEF/LI JISTGĦU JINQATGĦU SKONT ID-DAQS LI HEMM BŻONN U BL-ARJA FIHOM.
2	BIBIEN, TWIEQI, XATERS, GRADI U AĊĊESSORJI RELATATI MAL-BINI.
3	MEMBRANI, INKLUŻI DAWK APPLIKATI BĦALA LIKWIDU U KITS (GĦALL-KONTROLL TAL-ILMA U/JEW TAL-FWAR MILL-ILMA).
4	PRODOTTI TA' IŻOLAMENT TERMALI. KITS/SISTEMI KOMPOSTI TA' IŻOLAMENT.
5	BERINGS STRUTTURALI. PINS GĦAL ĠONOT STRUTTURALI.
6	ĊMIENI, TROMBI TAGĦHOM U PRODOTTI SPEĊIFIĊI.
7	PRODOTTI TAL-ĠIBS.
8	ĠEOTESSILI, ĠEOMEMBRANI, U PRODOTTI RELATATI.
9	KITS TA' KISI MINN BARRA (CURTAIN WALLING)/KISI/SISTEMI TA' GLEJŻJAR SIĠILLANT STRUTTURALI.
10	TAGĦMIR FISS TAT-TIFI TAN-NAR (PRODOTTI TA' TWISSIJA F'KAŻ TA' TA' NAR/RILEVAMENT TA' NAR, TAT-TIFI TAN-NAR FISS, TA' KONTROLL TAN-NAR U D-DĦAĦEN U TA' TRAŻŻIN TA' SPLUŻJONIJIET).
11	PRODOTTI TAL-INJAM STRUTTURALI/ELEMENTI U PRODOTTI ANĊILLARI.
12	PANNELLI U ELEMENTI BBAŻATI FUQ L-INJAM.
13	SIMENT, ĠIR TAL-BINI U BINDERS IDRAWLIĊI OĦRAJN.
14	AZZAR TAR-RINFURZAR U PRESTRESSING GĦALL-KONKOS (U PRODOTTI ANĊILLARI). KITS TAL-POST TENSIONING.
15	BINI BIL-ĠEBEL U PRODOTTI RELATATI. UNITAJIET TA' BINI BIL-ĠEBEL, TIKĦIL U PRODOTTI ANĊILLARI.
16	PRODOTTI TAL-INGĠINERIJA TAL-ILMA MORMI.

17	PAVIMENTAR.
18	PRODOTTI METALLIĊI STRUTTURALI U PRODOTTI ANĊILLARI.
19	KISI INTERN U ESTERN TAL-ĦITAN U TAS-SOQFA. KITS TA' DIVIŻJONI INTERNA.
20	KISI TAL-BJUT, TAMBOĊĊI, TWIEQI FIS-SOQFA U PRODOTTI ANĊILLARI. KITS GĦAS-SOQFA.
21	PRODOTTI GĦALL-BINI TAT-TOROQ.
22	AGGREGATI.
23	ADEŻIVI TAL-KOSTRUZZJONI.
24	PRODOTTI RELATATI MAL-KONKRIT, TIKĦIL U MAL-GROUTING.
25	TAGĦMIR LI JSAĦĦAN L-AMBJENT.
26	PAJPIJET-TANKIJET U PRODOTTI ANĊILLARI LI MA HUMIEX F'KUNTATT MA' ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM.
27	PRODOTTI TA' ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ.
28	KEJBILS TAL-ELETTRIKU, TA' KONTROLL U TA' KOMUNIKAZZJONI.
29	SIĠILLANTI GĦALL-ĠONOT.
30	FISSANTI.
31	KITS TAL-BINI, UNITAJET U ELEMENTI PREFABBRIKATI.
32	PRODOTTI TA' TWAQQIF TA' NIRIEN, SIĠILLANTI TAN-NIRIEN U PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI KONTRA N-NIRIEN. PRODOTTI LI JITTARDJAW IN-NIRIEN.
33	PRODOTTI TAL-KOSTRUZZJONI MHUX INKLUŻI FL-OQSMA TAL-PRODOTTI TA' HAWN FUQ.

Tabella 2 - Rekwiżiti għat-TAB

It-TAB għandhom ikunu jistgħu jissodisfaw il-kompiti u r-rekwiżiti li ġejjin:

Kompetenza	Deskrizzjoni tal-kompiti	Rekwiżit
1. Analiżi tar-riskji	L-identifikazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji potenzjali għall-użu ta' prodotti innovattivi fin-nuqqas ta' informazzjoni teknika jkun indipendenti mill-partijiet stabbilita/konsolidata fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom meta dawn ikunu installati f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni.	TAB għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali u għandu jkollu personalità ġuridika. Huwa għandu jkun indipendenti mill-partijiet ikkonċernati u minn kull interess partikolari. Barra minn hekk, TAB għandu jkollu

2. Stabbiliment ta' kriterji tekniċi	Ittrasforma l-eżitu tal-analiżi tar-riskju fi kriterji tekniċi għall-evalwazzjoni tal-imġiba u l-prestazzjoni tal-prodotti fir-rigward tal-issodisfar tar-rekwiżiti nazzjonali applikabbli; ipprovdi l-informazzjoni teknika meħtieġa minn dawk li qegħdin jipparteċipaw fil-proċess tal-bini bħala utenti potenzjali tal-prodotti għall-bini (il-manifatturi, id-disinjaturi, il-kuntratturi, l-installaturi).	persunal bi: (a) oġġettività u ġudizzju tekniku tajjeb; (b) għarfien dettaljat tad-dispożizzjonijiet regolatorji u rekwiżiti oħrajn fis-seħħ fl-Istat Membru fejn jiġi maħtur, rigward l-oqsma tal-prodotti li għalihom għandu jinħatar; (c) fehim ġenerali tal-prattika tal-bini u għarfien tekniku dettaljat dwar l-oqsma tal-prodotti li jinħatar għalihom;
3. Stabbiliment ta' metodi ta' valutazzjoni	Iddisinja u vvalida l-metodi xierqa (testijiet jew kalkoli) sabiex tivvaluta l-prestazzjoni għall-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini, filwaqt li tqis l-istat attwali tal-oġġett.	(d) għarfien dettaljat tar-riskji speċifiċi involuti u l-aspetti tekniċi tal-proċess tal-konstruzzjoni; (e) għarfien dettaljat tal-istandards armonizzati eżistenti u tal-metodi ta' ttestjar fl-oqsma tal-prodotti li għandu jinħatar għalihom; (f) għarfien dettaljat ta' dan ir-Regolament; (g) ħiliet lingwistiċi xierqa. Ir-remunerazzjoni tal-persunal tat-TAB ma għandhiex tiddependi min-numru ta' valutazzjonijiet li jkunu twettqu jew mir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet.
4. Determinazzjoni tal-kontroll speċifiku tal-produtt fil-fabbrika	Ifhem u evalwa l-proċess ta' manifattura tal-prodott speċifiku sabiex tidentifika miżuri xierqa li jżguraw il-kostanza tal-prodott matul il-proċess ta' manifattura partikolari.	TAB għandu jkollu persunal b'għarfien xieraq tar-relazzjoni bejn il-proċessi ta' manifattura u l-karatteristiċi tal-prodott fir-rigward tal-kontroll tal-produtt fil-fabbrika.
5. Valutazzjoni tal-prodott	Ivvaluta l-prestazzjoni għall-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti abbażi ta' metodi armonizzati mqabblin ma' kriterji armonizzati.	Minbarra r-rekwiżiti elenkati fil-punti 1, 2 u 3, TAB għandu jkollu aċċess għall-mezzi u t-tagħmir meħtieġa għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni għall-karatteristiċi essenzjali ta' prodotti fl-oqsma tal-prodotti li għalihom huwa għandu jinħatar.
6. Ġestjoni ġenerali	Żgura konsistenza, affidabbiltà, oġġettività u traċċabbiltà permezz tal-	TAB għandu jkollu: (a) rekord mixhud bi prova ta' rispett

	applikazzjoni kostanti ta' metodi ta' ġestjoni xierqa. għal imġiba amministrattiva tajba; (b) politika u l-proċeduri ta' sostenn sabiex tiġi żgurata kemm il-kunfidenzjalità kif ukoll il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva fit-TAB u s-sħab kollha tiegħu; (c) sistema ta' kontroll tad-dokumenti sabiex jiġu żgurati r-reġistrazzjoni, it-traċċabbiltà, il-manutenzjoni u l-arkivjar tad-dokumenti kollha rilevanti; (d) mekkaniżmu għall-awditjar intern u r-rieżami tal-ġestjoni sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ regolari tal-konformità mal-metodi ta' ġestjoni xierqa; (e) proċedura sabiex l-appelli u l-ilmenti jiġu ttrattati b'mod oġġettiv.
--	--

ANNESS V

Sistemi ta' valutazzjoni u verifika (AVS)

Il-manifattur għandu jiddetermina b'mod korrett it-tip ta' prodott skont l-Artikolu 3(31), u l-kategorija tal-prodott korrispondenti abbażi tal-ispeċifikazzjoni teknika armonizzata applikabbli. Meta korp notifikat ikun involut fil-valutazzjoni u fil-verifika, il-korp notifikat għandu jivverifika dawn id-determinazzjonijiet, inkluża l-verifika li l-ebda oġġett identiku ma jiġi ddikjarat li huwa ta' tip differenti.

1. Sistema 1+ – Il-kontroll sħiħ tal-korp notifikat inkluż l-ittestjar tal-kampjun tal-awditjar
 - (a) Il-manifattur għandu jwettaq:
 - (i) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (ii) l-ittestjar ulterjuri ta' kampjuni meħudin fil-fabbrika f'konformità mal-pjan preskritt għall-ittestjar;
 - (iii) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihex prova sħiħa tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
 - (iv) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihex prova sħiħa tal-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott skont dan ir-Regolament.
 - (b) Il-korp notifikat għandu jgħodgħ id-ċertifikat ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':
 - (i) konferma tad-determinazzjoni korretta tat-tip ta' prodott u tal-kategorija tal-prodott;
 - (ii) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar tat-tip (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip jew il-valuri tabulati u, f'dawn il-każijiet kollha, ir-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-prodott;
 - (iii) l-ispezzjoni inizjali tal-impjant ta' manifattura u tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (iv) l-ittestjar tal-awditjar ta' kampjuni meħudin qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq;
 - (v) verifika sħiħa tal-kompiti skont il-paragrafi (a) (iii) u (iv).
 - (c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 50 punt aleatorju li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) (ii) sa (iv) u għandu jirtira id-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew ta' nuqqas ta' konformità partikolarment gravi, fost dawn il-50 punt u l-verifiki l-oħrajn li jridu jsiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.

2. Sistema 1 – Il-kontroll sħiħ tal-korp notifikat mingħajr ittestjar tal-kampjun tal-awditjar
 - (a) Il-manifattur għandu jwettaq:
 - (i) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (ii) l-ittestjar ulterjuri ta' kampjuni meħuda fl-impjant tal-manifattura mill-manifattur f'konformità mal-pjan preskritt għall-ittestjar;
 - (iii) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihix prova sħiħa tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
 - (iv) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihix prova sħiħa tal-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott ta' dan ir-Regolament.
 - (b) Il-korp notifikat għandu jorog iċ-ċertifikat ta' prestazzjoni u ta' konformità abbażi ta':
 - (a) konferma tad-determinazzjoni korretta tat-tip ta' prodott u tal-kategorija tal-prodott;
 - (ii) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar tat-tip (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip jew il-valuri tabulati u, f'dawn il-każijiet kollha, ir-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-prodott;
 - (iii) l-ispezzjoni inizjali tal-impjant ta' manifattura u tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (iv) verifika sħiħa tal-kompiti skont il-paragrafi (a) (iii) u (iv).
 - (c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 40 punt aleatorju li jaqgħu taħt l-entrati (a) (ii) sa (iv) u għandu jirtira r-rapport jew iċ-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew nuqqas ta' konformità partikolarment gravi wieħed, fost dawn l-40 punt u l-verifiki l-oħrajn li għandhom isiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.
3. Sistema 2+ – Il-korp notifikat li jiffoka fuq il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika
 - (a) Il-manifattur għandu jwettaq:
 - (i) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip, il-valuri tabulati jew id-dokumentazzjoni deskrittiva ta' dak il-prodott;
 - (ii) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (iii) l-ittestjar ta' kampjuni meħudin mill-fabbrika f'konformità mal-pjan preskritt għall-ittestjar;

- (iv) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihex prova sħiħa tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
 - (v) verifika dwar jekk id-dokumentazzjoni teknika fihex prova sħiħa tal-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott ta' dan ir-Regolament.
- (b) Il-korp notifikat għandu joħroġ iċ-ċertifikat ta' konformità tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika abbażi ta':
- (i) konferma tad-determinazzjoni korretta tat-tip ta' prodott u tal-kategorija ta' prodott u konferma tal-valutazzjoni korretta tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tar-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-prodott;
 - (ii) l-ispezzjoni inizjali tal-impjant ta' manifattura u tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;
 - (iii) verifika sħiħa tal-kompiti skont il-paragrafi (a) (iv) u (v).
- (c) Il-korp notifikat għandu jipprovdi sorveljanza, valutazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika. F'din l-okkażjoni, huwa għandu jwettaq kontroll ta' 30 punt aleatorju li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) (iii) sa (v) u għandu jirtira ċ-ċertifikat f'każ li jsib aktar minn 2 nuqqasijiet ta' konformità jew nuqqas ta' konformità partikolarment gravi, fost dawn it-30 punt u l-verifiki l-oħrajn li għandhom isiru f'konformità ma' dan il-paragrafu.
4. Sistema 3+ – Il-kontroll tal-korp notifikat tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali
- (a) Il-manifattur għandu jwettaq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali jew tar-rekwiżiti tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u għandu jżommha aġġornata.
- (b) Il-korp notifikat għandu, b'mod partikolari fid-dawl tal-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet magħmula u l-konformità mar-regoli ġeneriċi jew speċifiċi għall-kategorija tal-prodotti applikabbli:
- (i) jivverifika l-valutazzjoni inizjali u aġġornata tal-manifattur;
 - (ii) jivvalida l-proċess applikat sabiex tiġi ġġenerata dik il-valutazzjoni.
5. Sistema 3 – Il-korp notifikat li jiffoka fuq id-determinazzjoni tat-tip ta' prodott
- (a) Il-manifattur għandu jwettaq:
- (i) valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ittestjar (inkluż il-kampjunar tal-oġġett(i) li għandu/għandhom jittieħed/jittieħdu bħala rappreżentattiv(i) tat-tip), il-kalkolu tat-tip, il-valuri tabulati jew id-dokumentazzjoni deskrittiva ta' dak il-prodott;
 - (ii) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika;

- MT

- (i) il-kompetenza xierqa tal-persunal;
 - (ii) l-adeqwatezza tat-tagħmir tekniku;
 - (iii) l-adeqwatezza tal-faċilitajiet u kundizzjonijiet oħrajn li jinfluwenzaw il-manifattura;
 - (iv) deskrizzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni maħsuba fil-fabbrika.
- (b) Il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika għandu jkopri l-proċess mill-wasla tal-materja prima u l-komponenti sad-dispaċċ tal-prodott ladarba l-produzzjoni tkun bdiet (approċċ “minn bieb sa bieb”). Huwa għandu jivvaluta jekk dan il-proċess huwiex iddisinjat u ottimizzat fid-dawl tal-għan li l-prodotti jikkonformaw mat-tip ta’ prodott u għalhekk jilhqqu l-prestazzjonijiet iddikjarati fid-dikjarazzjoni ta’ prestazzjoni u li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament jew taħtu.
- (c) L-ittestjar ulterjuri tal-kampjuni għandu jikkostitwixxi ttestjar ta’ numru adegwat ta’ prodotti, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, fir-rigward tal-konformità mat-tip ta’ prodott, b’tolleranza żero għan-nuqqas ta’ konformità, sakemm ma tiġix iddefinita tolleranza oħra fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.
- (d) Il-verifika tal-entrati għandha, sa 50 %, tinkludi entrati fil-mira li x’aktarx ikun fihom nuqqasijiet u, għal 50 % oħra, entrati fil-mira magħżula b’mod aleatorju.
- (e) Il-verifika tas-sostenibbiltà ambjentali għandha tikkostitwixxi l-verifika tal-kalkoli u l-verifika kollha ta’ 10 kampjuni ta’ *data* speċifika għall-kumpanija jew sekondarja kkunsidrata, b’tolleranza żero għall-inkorrettezza. F’dak il-kuntest, il-korp notifikat għandu jivverifika jekk ir-regoli applikabbli dwar l-immudellar u l-kalkolu stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni teknika jew fil-metodoloġija armonizzata applikabbli pprovduta mill-Kummissjoni humiex segwiti.
- F’każ li tintuża għodda tal-IT ipprovduta mill-Kummissjoni, il-verifika tiffoka fuq l-użu korrett tal-għodda. Fejn tintuża *data* sekondarja, il-korp notifikat għandu jivverifika jekk jintużawx is-settijiet korretti tad-*data*, preskritti mir-regoli ta’ kalkolu applikabbli speċifiċi għall-prodott li jinsabu fl-ispeċifikazzjoni teknika jew fil-metodoloġija armonizzata applikabbli pprovduta mill-Kummissjoni. Fejn tintuża *data* speċifika għall-kumpanija, l-affidabbiltà ta’ dik id-*data* jeħtieġ li tiġi vverifikata. Għal dak il-għan, il-korp notifikat għandu jwettaq awditu tal-impjant tal-manifattura, li jirreferu għalih, u għandu jeżamina d-*data* kollha relatata mal-fornituri u mal-fornituri tas-servizzi. Il-korpi notifikati jistgħu jestendu l-awditjar tagħhom lill-fornituri u lill-fornituri tas-servizzi li huma obbligati jikkooperaw f’konformità mal-Artikolu 30.
- (f) Meta r-rati ta’ ħsara msemija hawn fuq ikunu ġew imsaħħa jew meta jkun ġie identifikat żball gravi jew intenzjoni ta’ qerq, il-korp notifikat għandu jirrifjuta l-ħruġ ta’ ċertifikat għal mill-anqas sena jew għandu jirtira ċ-ċertifikat filwaqt li jippermetti l-ħruġ ta’ wieħed ġdid biss wara sena.
- (g) Il-korpi notifikati li jwettqu kompiti taħt is-Sistemi 1+, 1, u 3 kif ukoll il-manifatturi li jwettqu kompiti taħt is-Sistemi 2+ u 4 għandhom jikkunsidraw il-Valutazzjoni Teknika Ewropea li saret għall-prodott inkwistjoni bħala l-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta’ dak il-prodott. Il-korpi notifikati u l-manifatturi għandhom għalhekk

iwettqu l-kompiti msemija fil-punti 1.(b)(ii), 2.(b)(ii), 3.(a)(i), 5.(a)(i) u 6(a)(i), rispettivament, biss meta jkun hemm evidenza li dawn ma ġewx eżegwiti jew ma ġewx eżegwiti b'mod xieraq mit-TAB.

ANNESS VI

Karatteristiċi essenzjali li għalihom ma hijiex meħtieġa referenza għal speċifikazzjoni teknika armonizzata rilevanti fil-kuntest tan-notifika tal-korpi notifikati

1. Reazzjoni għan-nar.
2. Reżistenza għan-nar.
3. Prestazzjoni esterna f'każ ta' nar.
4. Assorbiment tal-istorbju.
5. Emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi.
6. Sostenibbiltà ambjentali.

ANNESS VII

Tabelli ta' korrelazzjoni

Tabella 1: Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 > dan ir-Regolament

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	L-Artikolu 3
L-Artikolu 3	L-Artikolu 4
L-Artikolu 4	L-Artikolu 9
L-Artikolu 5	L-Artikolu 10
L-Artikolu 6	L-Artikolu 11
L-Artikolu 7	L-Artikolu 15
L-Artikolu 8	L-Artikolu 16
L-Artikolu 9	L-Artikolu 17
L-Artikolu 10	L-Artikolu 79
L-Artikolu 11	L-Artikolu 22
L-Artikolu 12	L-Artikolu 23
L-Artikolu 13	L-Artikolu 24
L-Artikolu 14	L-Artikolu 25
L-Artikolu 15	L-Artikolu 26
L-Artikolu 16	L-Artikolu 30
L-Artikolu 17	L-Artikolu 34
L-Artikolu 18	L-Artikolu 34
L-Artikolu 19	L-Artikolu 35
L-Artikolu 20	L-Artikolu 36

L-Artikolu 21	L-Artikolu 37
L-Artikolu 22	L-Artikolu 38
L-Artikolu 23	L-Artikolu 39
L-Artikolu 24	L-Artikolu 40
L-Artikolu 25	L-Artikolu 41
L-Artikolu 26	L-Artikolu 42
L-Artikolu 27	
L-Artikolu 28	L-Artikolu 6
L-Artikolu 29	L-Artikolu 44
L-Artikolu 30	L-Artikolu 45
L-Artikolu 31	L-Artikolu 46
L-Artikolu 32	
L-Artikolu 33	
L-Artikolu 34	
L-Artikolu 35	
L-Artikolu 36	L-Artikolu 64
L-Artikolu 37	L-Artikoli 65 u 67
L-Artikolu 38	L-Artikolu 66
L-Artikolu 39	L-Artikolu 47
L-Artikolu 40	L-Artikolu 48
L-Artikolu 41	L-Artikolu 49
L-Artikolu 42	L-Artikolu 47
L-Artikolu 43	L-Artikolu 50
L-Artikolu 44	L-Artikolu 51
L-Artikolu 45	L-Artikolu 53
L-Artikolu 46	L-Artikolu 54

L-Artikolu 47	L-Artikolu 55
L-Artikolu 48	L-Artikolu 56
L-Artikolu 49	L-Artikolu 57
L-Artikolu 50	L-Artikolu 58
L-Artikolu 51	L-Artikolu 59
L-Artikolu 52	L-Artikolu 60
L-Artikolu 53	L-Artikolu 61
L-Artikolu 54	L-Artikolu 48
L-Artikolu 55	L-Artikolu 63
L-Artikolu 56	L-Artikolu 70
L-Artikolu 57	L-Artikolu 71
L-Artikolu 58	L-Artikolu 72
L-Artikolu 59	L-Artikolu 70
L-Artikolu 60	L-Artikolu 86
L-Artikolu 61	L-Artikolu 86
L-Artikolu 62	L-Artikolu 86
L-Artikolu 63	L-Artikolu 86
L-Artikolu 64	L-Artikolu 88
L-Artikolu 65	L-Artikolu 92
L-Artikolu 66	L-Artikolu 93
L-Artikolu 67	
L-Artikolu 68	L-Artikolu 94

Tabella 2: dan ir-Regolament > ir-Regolament (UE) Nru 305/2011

Dan ir-Regolament	Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011
-------------------	---------------------------------

L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	
L-Artikolu 3	L-Artikolu 2
L-Artikolu 4	L-Artikolu 3
L-Artikolu 5	
L-Artikolu 6	L-Artikolu 28
L-Artikolu 7	
L-Artikolu 8	
L-Artikolu 9	L-Artikolu 4
L-Artikolu 10	L-Artikolu 5
L-Artikolu 11	L-Artikolu 6
L-Artikolu 12	
L-Artikolu 13	
L-Artikolu 14	
L-Artikolu 15	L-Artikolu 7
L-Artikolu 16	L-Artikolu 8
L-Artikolu 17	L-Artikolu 9
L-Artikolu 18	
L-Artikolu 19	
L-Artikolu 20	
L-Artikolu 21	
L-Artikolu 22	L-Artikolu 11
L-Artikolu 23	L-Artikolu 12
L-Artikolu 24	L-Artikolu 13
L-Artikolu 25	L-Artikolu 14
L-Artikolu 26	L-Artikolu 15

L-Artikolu 27	
L-Artikolu 28	
L-Artikolu 29	
L-Artikolu 30	L-Artikolu 16
L-Artikolu 31	
L-Artikolu 32	
L-Artikolu 33	
L-Artikolu 34	L-Artikoli 17 u 18
L-Artikolu 35	L-Artikolu 19
L-Artikolu 36	L-Artikolu 20
L-Artikolu 37	L-Artikolu 21
L-Artikolu 38	L-Artikolu 22
L-Artikolu 39	L-Artikolu 23
L-Artikolu 40	L-Artikolu 24
L-Artikolu 41	L-Artikolu 25
L-Artikolu 42	L-Artikolu 26
L-Artikolu 43	
L-Artikolu 44	L-Artikolu 29
L-Artikolu 45	L-Artikolu 30
L-Artikolu 46	L-Artikolu 31
L-Artikolu 47	L-Artikoli 39 u 42
L-Artikolu 48	L-Artikoli 40 u 54
L-Artikolu 49	L-Artikolu 41
L-Artikolu 50	L-Artikolu 43
L-Artikolu 51	L-Artikolu 44
L-Artikolu 52	

L-Artikolu 53	L-Artikolu 45
L-Artikolu 54	L-Artikolu 46
L-Artikolu 55	L-Artikolu 47
L-Artikolu 56	L-Artikolu 48
L-Artikolu 57	L-Artikolu 49
L-Artikolu 58	L-Artikolu 50
L-Artikolu 59	L-Artikolu 51
L-Artikolu 60	L-Artikolu 52
L-Artikolu 61	L-Artikolu 53
L-Artikolu 62	
L-Artikolu 63	L-Artikolu 55
L-Artikolu 64	L-Artikolu 36
L-Artikolu 65	L-Artikolu 37
L-Artikolu 66	L-Artikolu 38
L-Artikolu 67	L-Artikolu 37
L-Artikolu 68	
L-Artikolu 69	
L-Artikolu 70	L-Artikoli 56 u 59
L-Artikolu 71	L-Artikolu 57
L-Artikolu 72	L-Artikolu 58
L-Artikolu 73	
L-Artikolu 74	
L-Artikolu 75	
L-Artikolu 76	
L-Artikolu 77	
L-Artikolu 78	

L-Artikolu 79	L-Artikolu 10
L-Artikolu 80	
L-Artikolu 81	
L-Artikolu 82	
L-Artikolu 83	
L-Artikolu 84	
L-Artikolu 85	
L-Artikolu 86	L-Artikoli 60, 61, 62 u 63
L-Artikolu 87	
L-Artikolu 88	L-Artikolu 64
L-Artikolu 89	
L-Artikolu 90	
L-Artikolu 91	
L-Artikolu 92	L-Artikolu 65
L-Artikolu 93	L-Artikolu 66
L-Artikolu 94	L-Artikolu 68